MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1103/2006

Il-Pulizija
(Sp Johann Fenech)
vs
Martin Zerafa, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ April, 1971

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fid-19 ta’ Awwissu, 2006 għal ħabta ta’ nofs il-lejl, f’Ħal-Far, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Casa, minn San Ġiljan, li l-istess offiża sejra ġġib sfreġju permanenti fil-wiċċ ta’ l-istess Raymond Casa, skond kif iċċertifika Dr. Mark Camilleri M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira;

2. talli fl-istess data, lok u ħin ħebb kontra Raymond Casa sabiex jiġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
3. talli għamel lil Raymond Casa nġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurjah b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4. talli fl-istess data, lok u ħin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Raymond Casa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Mejju, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 216, 218, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak in-nhar ta' l-inċident kienu qed jinżammu l-provi tat-tiġrija tal-kwart ta' mil fit-'track' ta' Ħal-Far. Ġie l-mument li tiġri l-karozza ta' Raymond Casa, misjuqa minn Joseph Tabone iżda l-karozza kellha l-ħsara fl-'intercooler' għaliex kien hemm 'leakage' ta' ilma. Għalhekk, il-karozza ma tħallitx itellaq biex tiġi msewwija. Il-karozza ġiet imsewwija iżda meta ġiet biex itellaq reġa kien hemm l-istess problema. Jirrizulta li Remig Arapa li hu l-'race director' ma tax permess biex din tiġri. Il-karozza telqet l-istess, mingħajr permess, u waqt il-korsa tal-kwart ta' mil reġa kellha l-

istess problema.  Konsegwenza ta’ dan il-kors ġiet maħsula bl’ilma mħallat maż-żejt.

Illi t-team ta’ Raymond Casa, fil-persuna ta’ Karim Cassar, mar biex jirreġistra l-karozza għat-tellieqa iżda ġew infurmati minn Joseph Farrugia li talli ppruvaw il-karozza mingħajr awtorizzazzjoni t-team ġie skwalifikat.  Kif sar jaf b’dan Raymond Casa akkompanjat minn persuni oħra tat-team tiegħu marru ħdejn l-‘istarting line’ u bdew jipprostetaw ma ċertu Carmelo Farrugia li ma kellhux jindaħal fil-kwistjoni.

Illi kif Remig Arapa ra din il-biċċa tax-xogħol, hu nieżel minn fuq iċ-ċint, fejn kien u resaq lejn Raymond Casa u in-nies tiegħu.  Inqala argument u f’ħin minnhom, Remig Arapa tefa il-kontenut ta’ tazza tal-plastik f’wiċċ Raymond Casa.  Arapa jgħid li Casa xejjirlu daqqa ta’ sieq.  Illi fl-istess waqt, Raymond Casa xehed li ra lill-imputat jitla fuq persuna u ixejjirlu daqqa ta’ flixkun.

Illi konsegwenza ta’ din id-daqqa Raymond Casa sofra ferita fuq moħħu, kif jirrizulta mir-ritratt eżebit u din il-ferita ġiet suturata bi tlett punti.  Fix-xhieda tat-tabib Dr. Mark Camilleri joħroġ il-fatt li l-ferita kienet għada tidher fuq il-moħħ ta’ Raymond Casa, seba’ xhur wara l-inċident.  Dan il-fatt jagħti lok li Raymond Casa sofra sfregju permanenti fil-wiċċ tiegħu.

Illi Raymond Casa xehed li kien l-imputat li tah id-daqqa bil-flixkun u din il-versjoni tal-fatti hu kkonfermat ukoll minn Lorna Balzan li kienet ftit il-bogħod minn fejn ġara l-inċident.

Illi l-imputat dejjem ċaħad li hu qatt ta daqqa ta’ flixkun lil Raymond Casa.  Hu xehed li hu kien qed jitkellem ma Remig Arapa u mar warajh.  Hu jgħid li mar biex iferraq u waqt li kommozzjoni, wara li Arapa ħasel lil Casa bid-drink, ra d-demm nieżel ma wiċċ Casa.

Illi mill-provi okulari l-oħra li ġew prodotti kulħadd xehed li jew ma rawhx lill-imputat fil-viċinanżi jew li ma għamel xejn.  Ħaġa li toħroġ ċar mill-provi mressqa hi r-retiċenza

tax-xhieda kollha prodotti li jgħidu x'ġara fil-ħin topiku ta' l-inċident.

Illi fil-kamp penali xhued wieħed kredibbli hu biżżejjed biex tiġi radikata r-responsabilita' għall-inċident meritu ta' dan il-każ. Fil-fatt, hawnhekk, hemm żewġ xhieda li jikkonfermaw id-dinamika ta' l-inċident u dawn huma xhieda kredibbli.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, bit-tieni u it-tielet akkużi assorbiti fl-ewwel akkuża. Rat l-artikoli 216, 218, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Tikundannah għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Raymond Casa għal żmien sena taħt penali ta' mitejn euro (€200).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------